



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 16 ta' Novembru 2011 (18.11)  
(OR. en)**

**16996/11**

**SOC 999**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. preċ.: 14022/11 SOC 756	
Suġġett:	Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali - Ħatra tas-Sur Martin GLEITSMANN, membru Awstrijak, minflok is-Sinjura Ruth TAUDES, li rriżenjat

---

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie informat bir-riżenja tas-Sinjura Ruth TAUDES bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Awstrija).
2. Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) 883/2004 tad-29 ta' April 2004<sup>1</sup> li jistabbilixxi l-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, il-membri u l-membri supplenti huma maħtura mill-Kunsill, waqt li bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010<sup>2</sup>, il-ħatriet huma validi għal perijodu ta' ħames snin.

---

<sup>1</sup> ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU C 290, 27.10.2010, p. 5.

3. Konformement mal-proċedura tas-soltu, il-gvern tal-Awstrija nnomina lill-kandidat li ġej biex jissostitwixxi lill-membri li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2015:

Is-Sur Martin GLEITSMANN  
Abteilung Sozialpolitik und Gesundheit  
Wirtschaftskammer Österreich  
Wiedner Hauptstraße 63  
AT-1045 WIEN  
Tel.: + 43 (0)5 90 900-4286  
Faks: + 43 (0)5 90 900-3588  
*indirizz elettroniku: martin.gleitsmann@wko.at*

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:
- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, u
  - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2010<sup>4</sup> u tas-7 ta' Marzu 2011<sup>5</sup>, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perijodu li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2015.
- (2) Post ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern sar vakanti wara r-riżenja tas-Sinjura Carin Ruth TAUDES .
- (3) Il-Gvern tal-Awstrija nnomina kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>3</sup> ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU C 290, 27.10.2010, p. 5.

<sup>5</sup> ĠU C 83, 17.3.2011, p. 3.

## Artikolu 1

Is-Sur Martin GLEITSMANN huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sinjura Ruth TAUDES għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2015.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill  
Il-President

---